


OTTUBRU - DIĊEMBRU 2013

## MESSAĠĠ MILL-KAP TAL-ISKOLA

### L-Ixkora Tiegħi

L-ewwel nett nixtieq nirringrazzja lil dawk il-ġenituri kollha li attendew għal dawk il-laqgħat li l-iskola organizzat għall-ġenituri tas-snin kollha. Kienet esperjenza sabiħa ħafna fejn kull min ġie seta' japprezza r-relazzjoni sabiħa li hemm bejn id-dar u l-iskola. Il-kontroll fuq il-kompjuter kien l-aktar punt li ssemma. Inħoss li ħafna ġenituri qed joqogħdu lura milli jieħdu ċerti deċiżjonijiet għax għadhom ma rrealizzawx x'hemm fl-ixkora ta' wliedhom.

Il-ħajja saret aktar mgħaġġla minn qatt qabel. Tgħid għax l-arloġġ qed jgħaġġel iżjed milli kien jew għax il-ħajja tagħna għabbejnieha aktar b'affarijiet li nistgħu ngħaddu mingħajrhom? Aktar ma nitfgħu fl-ixkora tagħna aktar indumu ma naslu minħabba t-toqol li nkunu rridu nġorru. Hemm limitu kemm wieħed jista' jġorr għax wieħed ma jistax iġorr aktar milli jiflaħ. Dan ifisser li kull wieħed minna għandu jġorr biss dik it-tagħbija l-aktar bżonjuża biex il-piż ikun eħfef. Hemm bżonn li nbattlu mill-ixkora dak l-imbarazz li mhux ser nużaw jew li ser ifixkilna għax inkella negħjew qabel ma naslu. Faċli wkoll li titgħabba b'affarijiet li mingħalik huma utli jew li għandu bħalhom ħaddieħor meta fil-verità qed ikunu ta' ostaklu kbir jew ta' aljenazzjoni.

Il-ħin li wieħed iqatta' fuq il-Facebook, fuq il-Playstation, fuq l-Xbox u jilgħab il-*video games* naqas mill-irqad, mill-kuntatt minn mal-familja, mill-kuntatt fiżiku

*...ikompli fuq paġna 3*



**Kulleġġ San Benedittu, Sekondarja Subien**
*Sħaħ fl-ispirtu u fil-ħidma*
☎ 21642427 🖷 21642423
✉ sbc.kirkop.bs@gov.mt
http://www.kulleggsanbenedittubs.com/

# EDITORJAL

**L-iżvilupp edukattiv tal-istudenti**



Ftit ġimgħat ilu bdejna sena skolastika oħra. Sena importanti li se ttella' lill-istudenti tarġa oħra sabiex tressaqhom iktar viċin tal-edukazzjoni terzjarja, tax-xogħol, tax-xewqat tal-futur tagħhom. Naturalment biex dan iseħħ hemm bżonn l-interess, id-determinazzjoni u s-sagrifiċċji mhux tal-istudenti biss imma anki tal-ġenituri. Dawn m'għandhomx ikunu fil-ġimgħa tal-eżamijiet jew f'Lejlet il-Ġenituri u f'Jum il-Ġenituri biss. Is-suċċess jintlaħaq meta l-istudent jagħmel dmiru matul is-sena kollha u kemm-il darba l-għalliema u l-ġenituri jaħdmu flimkien.

Bħalma jgħid il-Malti, l-eżempju jkaxkar. Inutli li nisħqu mat-tfal biex juru l-interess fl-istudju u fil-qari u biex jagħmlu x-xogħol li jingħataw għad-dar, jekk imbagħad aħna l-adulti nuruhom li ma jimpurtaniex minn dan kollu. L-iżvilupp edukattiv huwa wkoll il-parteċipazzjoni tal-istudenti f'attivitajiet ekstrakurrikulari. L-iskola tagħna temmen bis-sħiħ fl-iżvilupp sħiħ tal-istudenti. Dan jista' jidher mill-attivitajiet differenti li jsiru fil-ħin tar-rikreazzjoni. S'issa diġà kellna diversi ċelebrazzjonijiet bħalma huma l-Ġimgħa tas-Sidien Responsabbli tal-Annimali, Jum il-Lingwi u Jum Dun Karm.

L-istudenti jistgħu jiżviluppaw b'mod sħiħ billi jipparteċipaw ukoll f'attivitajiet oħra organizzati minn diversi għaqdiet wara l-ħin tal-iskola. Ta' min isemmi l-isport, il-mużew, l-arti, il-mużika u l-bqija. Minbarra li waqt dawn l-attivitajiet l-istudenti jkunu qed jipprattikaw il-passatempi tagħhom, jistgħu wkoll jiżviluppaw xi talent.

Biex iseħħ l-iżvilupp edukattiv jeħtieġ li jkun hemm l-interess tal-istudent li jiġi mill-eżempju tal-adult. L-iskola dejjem kellha l-bibien miftuħin beraħ għall-ġenituri għaliex verament temmen li dawn għandhom parti importanti mis-suċċess edukattiv ta' wliedhom.

Is-Sur W. Incorvaja

Għalliem



## PARENTS EVENING 2013



# Narawkom il-Ħamis 5 ta’ Diċembru!!

**(5:00 PM - 7:00 PM)**



*...ikompli minn paġna 1*

mal-ħbieb, mill-eżerċizzju, mill-isport, minn xi delizzju, mill-istudju jew minn involviment f’xi attività oħra. Dan żgur li ma jagħmilx ġid.

Dawk il-vendikazzjonijiet li kontinwament tagħmel b’sens ta’ sodisfazzjon, b’mod virtwali u kull meta ssib iċ-ċans ikollhom effett fuqek. Il-periklu kbir hu li l-*video games* u l-Facebook jidderiġuk huma u int ma jkollok l-ebda kontroll fuqek innifsek. Mhux biss, iżda l-azzjonijiet li tkun qed tara ripetutament jidħlu tant f’moħħok li tibda timitahom mingħajr ma taf. Inti mhux ser tinduna, imma l-għalliema fil-klassi, sħabek jew il-ġenituri ser jinnutaw mill-ewwel bil-bidla li tkun saret fik. Għandna noqogħdu attenti ħafna li dan ma jiġrix.



Wieħed għandu jfittex l-għajnuna minnufih ħalli jneħħi mill-ixkora tiegħu dawk l-attivitajiet, sbieħ fil-għajn, li qed ifixklu l-mixja milli wieħed jikber normali u jirnexxi. Moħħna hemm!

Is-Sur R. Portelli
Kap tal-Iskola

# Apprezzament: Is-Sinjura Joan Pace



It-tbissima. Dik kienet l-ewwel ħaġa li laqtitni l-ewwel darba li ltqajt ma' Joan. It-tbissima ta' Joan kienet ġenwina tant li kull min kien jilmaħha, ma kien jista' jagħmel xejn ħlief li jitbissmilha lura. Bħala għalliema tal-Ingliż fl-istess skola, jien u Joan ma domniex ma sirna ħbieb sewwa. Tabilħaqq, Joan mill-ħbieb ma kinitx nieqsa. Għaldaqstant, issa li tant u tant kollegi qed jaqsmu flimkien il-memorji tagħhom ta' Joan, aktar qed jidher ċar li Joan kienet it-tieni omm ta' ħafna u l-ħabiba ta' kulħadd.

Joan kienet tassew mara ħabrieka u kienet ammirata għall-enerġija tagħha u għall-impenn li kienet turi lejn l-oħrajn. Minħabba li kienet tħobb taqra ħafna, kienet mimlija talenti u kellha l-għerf tal-iskola tal-ħajja, Joan kienet persuna ta' valur kbir għall-iskola tagħna. Hi ma kinitx biss għalliema tas-suġġett imma kienet tagħmel l-almu tagħha sabiex tinkoraġġixxi lill-istudenti tagħha jħobbu dejjem aktar it-tagħlim u l-qari. Ħafna huma dawk l-istudenti li jafu s-suċċess tagħhom lil Joan, u kemm l-istudenti kif ukoll il-ġenituri tagħhom japprezzaw ferm dak kollu li hi għamlet magħhom.

Joan kienet imfittxija għall-pariri siewja u meqjusa li kienet tagħti. Hi dejjem ippruvat tifhem lill-oħrajn aktar milli fittxet li l-oħrajn jifhmu lilha. Hi kienet dejjem ta' spalla għal ta' madwarha u f'għajnejha kont tagħraf l-għerf u l-ġenwinità tal-ispirtu li tant kienu jiġbduk lejha. Il-fidi tagħha f'Alla kienet kbira u ta' spiss kienet tfakkar lil sħabha biex jafdaw fil-pjan divin. Li kien tant speċjali f'Joan hu li kienet taf tagħraf il-ħażin mit-tajjeb u b'hekk kienet dejjem ta' eżempju tajjeb. Kien ukoll ċar li hi kienet tassew tgħożż il-familja tagħha, anke peress li kienet titkellem dwar żewġha u wliedha ta' spiss matul il-ġurnata.

Bejn ix-xogħol, il-familja u l-ħafna passatempi li kellha, il-ġurnata ta' Joan kienet dejjem mimlija daqs bajda. Madankollu, hi xorta kienet issib ħin għal kulħadd. Kienet mara ġeneruża u dan kien joħroġ biċ-ċar anke permezz ta' ġesti ħelwin, bħal meta kienet issajjar il-*lemon meringue* għall-kollegi tagħha. Hi kienet tħobb tagħti rigali li tkun ħadmet hija



*...ikompli fuq paġna 5*

*...ikompli minn paġna 4*

stess u għaliha donnu li l-kotba kienu jinxtraw apposta biex jiġu msellfa għax kien l-hena tagħha li ssellef xi ktieb tajjeb lil sħabha.

Fi ftit kliem, Joan kienet tassew mara eċċezzjonali. Fit-tajjeb u l-ħażin, hi qatt ma tilfet il-kapaċità li tidħak u titbissem, u li tispira lill-oħrajn b'dak l-ispirtu ta' tama u pożittività li kienet taf tgħix bih.

L-istaff tal-Kulleġġ San Benedittu, Skola Sekondarja Subien, Ħal Kirkop, jixtieq jagħti l-kondoljanzi lill-familja, lill-qraba u lill-ħbieb ta' Joan. Nassigurawhom li hi ser tibqa' dejjem ħajja f'moħħna u f'qalbna u li m'aħna ser ninsew qatt dak li għallmitna.

Is-Sa E. Cortis

Għalliema

## Ġurnata Siracusa, Alcantara u Taormina

## Tliet ġawhriet fi Sqallija

Għal dawn l-aħħar erba' snin, il-bidu ta' Lulju sar sinonimu mal-mawra li d-Dipartiment tat-Taljan jorganizza ġewwa Sqallija għall-istudenti u l-ġenituri. Hekk kif tibda s-sena skolastika, lilna, l-għalliema tal-lingwa Taljana, jistaqsuna b'ħerqa kbira jekk hux sejrin ġurnata Sqallija. Kull sena nippruvaw invarjaw il-postijiet sabiex min ġie s-sena ta' qabel u jixtieq jerġa' jiġi jkun jista' jagħmel dan u b'hekk iżur postijiet ġodda. Hekk għamilna din is-sena fejn iddeċidejna li nżuru Siracusa, Le Gole dell'Alcantara u Taormina.

L-ewwel ma żorna kienet il-belt ta' Siracusa, fejn rajna s-sbuħija li toffri l-gzira ta' Ortigia bil-fdalijiet tat-tempji Griegi, fosthom it-tempju ta' Apollo. Fil-pjazza tad-Duomo, għad-dell tal-katidral, it-tfal kellhom iċ-ċans iduqu t-tjubija tal-ġelat artiġjanali li tant jafu jagħmlu tajjeb it-Taljani. Ma naqsitx ukoll zjara lill-Fonte di Aretusa fejn tikber il-pjanta tal-papir. Qabel morna lura lejn il-kowċ, it-tfal żaru l-monti karatteristiku tal-post, fejn fost l-oħrajn jinbiegħu ħut u ikel tipiku.



*...ikompli fuq paġna 6*

Għall-ħabta ta' nofsinhar wasalna l-Gole dell'Alcantara fejn, wara ikla tajba ammirajna l-widien u n-nixxigħat naturali li nħolqu mat-8000 sena ilu mill-ħafna eruzzjonijiet tal-vulkan Etna. Hawnhekk it-tfal kellhom iċ-cans jiffriskaw sew fl-ilma li jkun nieżel minn fuq il-muntanji Nebrodi u jgħaddi minn dan il-wied fi triqtu lejn il-Baħar Jonju.





L-aħħar waqfa kienet fir-raħal pittoresk ta' Taormina, fejn l-istudenti gawdew xeni mill-isbaħ peress li dan ir-raħal jinsab pjuttost fil-għoli. Hawnhekk it-tfal kellhom ċans jixtru xi tifkira għall-membri tal-familja tagħhom bħala memorja ta' din il-ġurnata li żgur se jibqgħu jiftakruha għal għomorhom.

Id-Dipartiment tat-Taljan








L-4 t'Ottubru huwa l-jum iddedikat għall-Għarfien tal-Annimali fejn normalment fl-iskola niċċelebrawh billi xi studenti jġibu magħhom xi annimal partikulari illi huma jieħdu ħsieb u jitkellmu dwaru quddiem sħabhom. Matul is-snin kellna diversi annimali li nġiebu mill-istudenti fosthom kokka, żwiemel, gidjien, mogħoż, ajkla, diversi tipi t'għasafar u oħrajn.



Madankollu din is-sena ħsibna biex nagħtu bixra differenti lill-mod kif nagħrfu aktar l-annimali li nsibu madwarna. Dan għaliex din id-darba għamilna l-Happy Responsible Pet Owners Week fejn l-istudenti, l-għalliema u l-istaff kollu tal-iskola ntalbu jtellgħu ritratti tal-pets tagħhom fuq il-paġna tal-Facebook Benedittu Social. Dan sabiex jaqsmu ma' kulħadd l-imħabba tagħhom lejn l-annimali li jieħdu ħsieb. Din l-inizjattiva ntlaqgħet b'suċċess għax fi ftit ġranet ittellgħu bosta ritratti sbieħ u kummenti dwar annimali differenti mrobbija mill-istudenti u l-istaff tal-iskola.

Għaldaqstant, il-Ħamis 10 t'Ottubru l-iskola kollha nġabret fis-sala tal-iskola għal programm qasir imhejji għall-okkażjoni li għalih attenda wkoll l-Onor. Ministru tal-Edukazzjoni, is-Sur Evarist Bartolo flimkien ma' numru sabiħ ta' ġenituri. Dakinhar, wara introduzzjoni qasira dwar it-tema u qari ta' kitbiet qosra b'lingwi differenti mill-istudenti, ittellgħu fuq skrin kbir ir-ritratti kollha li kienu ttellgħu fuq Benedittu Social fil-ġranet ta' qabel mill-istudenti u l-istaff. B'hekk kulħadd seta' japprezza l-imħabba kbira li hemm bejna u l-annimali li jinżammu fid-djar tagħna. Ma setgħetx tonqos dik is-sorpriża żgħira, fejn kull min qasam ir-ritratt tal-pet tiegħu mal-oħrajn ingħata kukkarda tal-okkażjoni bħala apprezzament. Ma ninsewx ukoll il-wirja ta' xogħlijiet differenti dwar l-annimali li ttellgħet fil-*foyer* tal-iskola.



Minn hawn nixtieq nifraħ lil kull min b'xi mod ipparteċipa dakinhar, kif ukoll lil dawk kollha li b'tant għożża u mħabba jieħdu ħsieb l-annimali tagħhom fid-djar.

Is-Sa C. Pisani Grixti
Assistenta Kap

# KALENDARJU UFFIĊJALI TAL-ISKOLA (2013-2014)

| Diċembru 2013 | |
|---|---|
| 2-6 | Programm dwar is-Saħħa u s-Sigurtà għall-klassijiet 5.7 u 5.8 (MPR) |
| 3 | Taħdita kontra d-droga għall-istudenti tar-Raba' Sena |
| 4 | Trekking għall-istudenti tal-Ewwel Sena<br>Żjara fil-ParentCraft, fl-isptar Mater Dei għall-istudenti tat-Tielet Sena HE (Opt) |
| 5 | Jum il-Ġenituri (filgħaxija) u Jum il-Librerija 2013 |
| 10 | Quddiesa għall-istudenti fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann, il-Belt<br>Taħdita kontra d-droga għall-istudenti tar-Raba' Sena |
| 11 | Jum Sportiv għall-istudenti tal-Ħames Sena |
| 12 | Pantomima għall-istudenti tal-iskola Primarja (mill-10:00 sas-13:30) |
| 13 | Vaganza Pubblika |
| 16 | Taħdita kontra d-droga għall-istudenti tar-Raba' Sena<br>Pantomima għall-istudenti tal-iskola Primarja u Sekondarja KSB - L-Ewwel u t-Tieni Sena (mill-10:00 sas-13:30) |
| 17 | Pantomima għall-istudenti tal-iskola Primarja u Sekondarja KSB – It-Tielet u r-Raba' Sena (mill-10:00 sas-13:30) |
| 18 | Pantomima għall-istudenti tal-iskola Primarja u Sekondarja KSB – Il-Ħames Sena (mill-10:00 sas-13:30) |
| 19 | Ċelebrazzjoni tal-Milied għall-istudenti |
| 20 | Kunċert tal-Milied |

| Jannar 2014 | |
|---|---|
| 8 | Taħdita mill-Pulizija kontra d-droga għall-studenti tal-Ħames Sena |
| 10 | Taħdita Wara s-Sekondarja għall-ġenituri tal-istudenti tal-Ħames Sena |
| 14 | Żjara f'diversi istituzzjonijiet tal-MCAST |
| 16 | Taħdita għall-istudenti tal-Ħames Sena (Youth.inc) |
| 17 | Żjara f'Bighi Stone Lab u l-Palazz tal-Inkwiżitur għall-istudenti tat-Tielet Sena |
| 21 | Tranżizzjoni Parti 1 (il-Gudja, Ħal-Għaxaq, Ħal-Kirkop, l-Imqabba) |
| 22 | Tranżizzjoni Parti 1 (Birżebbuġa, il-Qrendi) |
| 24 | Tranżizzjoni Parti 1 (iż-Żurrieq, Ħal-Safi) |

| Frar 2014 | |
|---|---|
| 7 | Laqgħa tal-Kunsill tal-istudenti tal-Kulleġġ |
| 10 | Vaganza Pubblika |
| 11-21 | Eżamijiet Annwali (Ħames sena) / Eżamijiet ta' nofs is-sena |

*Il-programm jista' jinbidel skont il-ħtieġa*

# ŻJARA FIL-MIDDLESEA INSURANCE

Bħala parti mill-kors ta' l-Istudji Kummerċjali, b'kollaborazzjoni mad-Dipartiment tal-Guidance, ġiet organizzata mawra fl-akbar kumpanija tal-assigurazzjoni Maltija, il-Middlesea Insurance plc li tinsab il-Furjana. Mal-wasla tagħna ġejna milqugħa mis-Sur Vittorio Laferla, Senior Executive Manager tal-kumpanija. Wara li spjega fil-qasir xi ftit tagħrif storiku dwar il-bini li llum iservi bħala l-Head Office tal-kumpanija, indikalna d-direzzjoni lejn is-sotterran tal-binja. Dan illum il-ġurnata huwa rinovat u jservi bħala ċentru fejn isiru l-konferenzi u jingħata t-taħriġ lill-ħaddiema. Is-Sur Laferla ta bidu għat-taħdita tiegħu billi wasslilna spjegazzjoni dwar id-diversi tipi ta' karrieri li wieħed jista' jkollu f'kumpanija tal-assigurazzjoni. Imbagħad kompla billi ta spjega bażika tad-diversi tipi ta' prodotti tal-assigurazzjoni li jeżistu. Elenka d-diversi benefiċċji sew għall-individwi kif ukoll aċċenna għad-diversi vantaġġi li n-negozju jibbenefika meta jserraħ moħħu b'assigurazzjoni li tkoprih f'każ ta' bżonn.





Wara waqfa qasira fejn matulha ġejna ġentilment offruti bibita, l-istudenti tagħna kellhom l-opportunità li jiddiskutu b'inqas formalità mas-Sur Laferla d-diversi aspetti li hu elenka tul il-preżentazzjoni tiegħu. Din il-mawra ssoktat bl-intervent tas-Sinjura Rita Chircop, li trattat sew l-assigurazzjoni fuq is-saħħa (Health Insurance) kif ukoll iddiskutiet mal-istudenti l-prinċipji bażiċi ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja (Life Assurance). Matul din it-tieni parti, l-istudenti kellhom iċ-ċans li mhux biss iressqu l-mistoqsijiet tagħhom iżda wkoll jiddiskutu fit-tul mas-Sinjura Chircop id-diversi aspetti ttrattati tul din il-mawra.

Din il-mawra kienet immexxija mill-għalliem tal-Istudji Kummerċjali, is-Sur Michael Ghigo flimkien mas-Sur Marjoe Cassar mid-Dipartiment tal-Guidance li kollettivament organizzaw din il-mawra edukattiva. Fuq aspett aktar ħafif l-istudenti mbagħad ittieħdu għal ftit ħin ta' rilassament fil-ġonna tal-Argotti. Hemmhekk setgħu jitrejqu ftit, igawdu s-seħer tan-natura u l-ġmiel botaniku li dan il-ġnien tant hu rinomat għalih! Ħajr speċjali lit-tmexxija tal-Middlesea Insurance li ta din l-opportunità lill-istudenti tagħna sabiex ikollhom aktar għarfien fuq dak li qed jistudjaw u sabiex jesperjenzaw fir-realtà dak diskuss fil-klassi.

Is-Sur M. Ghigo
Għalliem tal-Istudji Kummerċjali

## Il-Film Club

Kull nhar ta' Erbgħa, fil-brejk ta' nofsinhar, madwar tletin student, kemm dawk li qed jistudjaw il-Franċiż kif ukoll studenti oħra, jiġu fil-klassi tal-Franċiż fil-Blokk tal-Kreattività sabiex jaraw films riċenti bil-lingwa Franċiża. Dawn il-films ikunu sottotitolati bl-Ingliż. S'issa diġà rajna żewġ films: L'élève Ducobu u Le Petit Nicolas. L-istudenti jieħdu gost jiddiskutu l-karattri tal-film u anke jidħku xi daħka. L-għanijiet ta' din l-attività huma li l-istudenti jisimgħu l-lingwa Franċiża u jitgħallmu wkoll xi vokabularju filwaqt li jieħdu gost. Huma jsiru wkoll familjari mal-ħajja u l-kultura Franċiża. Nistiednu lill-istudenti kollha li jinteressawhom il-films Franċiżi sabiex jingħaqdu magħna fil-brejk.

## Kolazzjon Franċiż

Matul il-ġimgħat li għaddew mal-klassi tar-Raba' Sena, tkellimna ħafna dwar il-kolazzjon u għalhekk kien bix-xieraq li nduqu kolazzjon tipiku Franċiż. Għalhekk iltqajna fil-klassi fil-Blokk tal-Kreattività waqt il-brejk ta' nofsinhar. Tkellimna dwar l-importanza tal-kolazzjon qabel niġu l-iskola u liema ikel għandna nieklu sabiex nikbru f'saħħitna. Imbagħad, l-istudenti ħadu kolazzjon li kien jikkonsisti f'ċereali bil-ħalib, *baguette* (ħobż tipiku Franċiż) bil-perżut u l-ġobon, *yoghurt* , *croissant* u meraq tal-larinġ. L-istudenti ħadu gost jieklu u jiddiskutu flimkien filwaqt li rrevedew il-vokabularju li kienu tgħallmu qabel.

## Tisjir ta' *crêpes*



Nhar it-Tlieta, 12 ta' Novembru, stedinna l-iskola lill-kok Franċiż Didier Sergent. L-istudenti tal-Franċiż tal-Ewwel Sena kif ukoll il-ġenituri tagħhom kellhom l-opportunità li jsajru u jduqu il-*galette* (*savoury pancake*) u l-*crêpe* (*sweet pancake*) li huma l-ikel tipiku tar-reġjun ta' Bretagne fi Franza. Wara li wieġbu għall-mistoqsijiet tal-kwizz dwar il-kultura Franċiża, huma ħarġu wieħed wieħed isajru l-*crêpes*. Kienet opportunità sabiħa għall-istudenti li jisimgħu persuna Franċiża titkellem u li jitkellmu huma wkoll. Il-ġenituri tgħallmu xi kelma jew tnejn ukoll! L-attività kienet possibbli bil-koperazzjoni tal-kumitat tal-Healthy Eating li laqgħuna fit-*tuck shop* tal-iskola.

Is-Sa E. Grech Scicluna
Għalliema tal-Franċiż

Tisma' ħafna kummenti fuq il-*homework*. Hemm min jgħidlek li hu importanti u li għandhom ikollhom ammont sew kuljum. Min-naħa l-oħra hemm min hu tal-opinjoni li wara ġurnata l-iskola t-tfal m'għandhomx ikollhom wisq *homework* biex ikollhom ħin għal-logħob u attivitajiet oħra. Issib ġenituri li jgħidulek li ma jesperjenzaw l-ebda problema bit-tfal tagħhom għax xħin jiġu d-dar jaqbdu jlestu u jtajruh f'kemm trodd salib. Oħrajn il-*homework* hu ġlieda ta' kuljum u jdumu jkarkru bih sa tard billejl. Ħsibna għalhekk li nagħtu xi għajnuniet kif il-ġenituri jistgħu jgħinu lil uliedhom b'mod pożittiv.

**Stabbilixxu ħin regolari** – ir-rutina tgħin lit-tfal. Għalhekk tajjeb li toħolqu ħin regolari twil biżżejjed u li jinkludi xi ftit ħinijiet ta' 'nifs' bejn *homework* u ieħor. Fil-maġġoranza tagħhom l-aħjar ħin hu kmieni waranofsinhar qabel is-sebgħa, biss mhux it-tfal kollha l-istess.

**Sib post fiss fejn ma jkunx hemm wisq distrazzjonijiet** – il-post hu importanti ħafna. Ħafna distrazzjonijiet (bħal aħwa, TV, eċċ) ifixklu milli t-tifel jikkonċentra fuq ix-xogħol li jkun qed isir b'riżultat li jew idum jew isir bl-addoċċ. Ikollu post fejn jorganizza l-kotba u n-noti tiegħu bil-mod tiegħu

**Il-ħin tal-*homework* irid ikun *tech-free*** – biex il-*homework* iħalli l-aħjar effett, it-tifel għandu bżonn li jiffoka fuq dak li jkun qed jagħmel. Fiż-żminijiet tal-lum fejn it-tfal huma ossessjonati bit-teknoloġija (kompjuter, mowbajl, TV, eċċ) mhix ser tkun faċli li jinħoloq limitu kemm dawn il-mezzi jintużaw. Biss hu importanti li dawn l-oġġetti jservu ta' għodda u mhux it-tfal jiġu dipendenti fuqhom!

**Uri interess fix-xogħol li jkollu** – l-aħjar mod kif wieħed jistudja hu billi jgħallem lil ħaddieħor. Il-fatt stess li l-ġenitur juri interess iwassal messaġġ li l-*homework* hu importanti. B'dan il-mod il-ġenitur jista' jara x'inhu għaddej u l-progress li jkun qed isir.

**Il-*homework* mhux tal-ġenituri** - numru ta' ġenituri jsibuha iktar faċli li kważi jagħmlu l-*homework* huma jew jissuġġerixxu ħafna minnu. Dan ma jgħinx. Mhux biss għax ikun qed jintilef l-għan li għalih dan ix-xogħol ikun ingħata, iżda jista' jkun ukoll li l-ġenitur jispjega metodi differenti minn dawk li jkunu ġew spjegati. Riżultat ta' dan, it-tifel jitħawwad. Jekk ix-xogħol isir mill-ġenitur, it-tifel ma jkun qiegħed jieħu l-ebda responsabbiltà fuqu.

*...ikompli fuq paġna 12*

*...ikompli minn paġna 11*

**Uri attitudni pożittiva u pprova sib xi ħaġa prattika fih jew irrelatah għall-ħajja ta' kuljum –** li tħares lejn l-oġġett b'mod pożittiv diġà tkun solvejt biċċa sew mill-problema għax it-tgergir jherri u jieħu ħafna mill-enerġija li tista' tiġi użata fuq ix-xogħol. Jekk wieħed jirnexxielu jittraduċi x-xogħol għal sitwazzjonijiet prattiċi jgħin biex it-tifel jara sens fix-xogħol li jkun qed jagħmel u jifhmu u b'hekk jitgħallmu aħjar.

**Ikkomunika mal-għalliema u l-iskola** – din hi relatata ħafna ma' li turi interess. Dak li jsir l-iskola u dak li jsir id-dar irid jibni u jsaħħaħ u jgħinu lil xulxin. Xi kultant isir eżatt il-kontra u dak li b'tant impenn ikun qed jinbena naħa jinħatt in-naħa l-oħra minħabba nuqqas ta' komunikazzjoni effettiva. Ara d-djarju tal-iskola fejn jista' jkun hemm xi noti u rapporti mill-għalliema





**Il-*homework* mhux biss il-kitba imma iktar minn hekk** – l-għan tal-*homework* hu li jsaħħaħ u jikkonsolida t-tagħlim. Ix-xogħol li jkun ta l-għalliem ikollu dan l-għan. Imma dan hu l-minimu. Hemm bżonn ta' affarijiet oħra bħal riċerka (ħafna drabi jinvolvi qari u tfittix fil-libreriji jew *Internet*), reviżjoni, studju u prattika ta' dak li jkun qed jiġi studjat (bħal fis-suġġetti tal-Home Economics, Design and Technology u PE)

**Oħloq u żomm drawwiet tajba** – it-tifel għandu bżonn jiċċaqlaq, jissoċjalizza, jistrieħ, jagħti sehmu fid-dar u jieħu ħsieb ruħu fost ħafna attivitajiet oħra. Il-ħin tal-*homework* irid jiġi bilanċjat tajjeb mal-ħafna attivitajiet oħra li huma importanti ħafna għall-iżvilupp sħiħ tiegħu. Il-ħin fuq il-kompjuter għandu jiġi limitat u tifel m'għandux idum fuqu sa tard billejl. L-irqad huwa fattur importanti ferm. Tifel normalment għandu bżonn 8 sigħat ta' rqad billejl.

L-Għalliema tal-Guidance

# KUN AF…KIF TNIŻŻEL IL-KARTI TAL-EŻAMIJIET MILL-WEBSAJT

Minn din is-sena skolastika, l-istudenti li jattendu l-iskola tagħna għandhom l-opportunità li jniżżlu l-karti tal-eżamijiet tas-snin imgħoddija biex jippreparaw ruħhom sew għall-eżamijiet ta' nofs is-sena. Huma jistgħu jagħmlu dan billi jsegwu dawn l-istruzzjonijiet:

1. Ikteb l-indirizz tal-websajt tal-iskola fil-programm tal-Internet tiegħek.







2. Mill-*homepage* tal-iskola, agħfas il-buttuna KSB Half Yearly Exam Papers li tinsab fuq in-naħa tax-xellug taħt it-titlu Quick Links.

3. Malli tidħol fil-paġna KSB Half Yearly Exam Papers, agħżel is-sena, is-suġġett u l-*form* tal-karta tal-eżami li tkun trid tniżżel.






4. Malli tara l-karta tal-eżami fuq l-iskrin, agħfas il-buttuna *download* biex tniżżel il-karta tal-eżami fuq il-kompjuter tiegħek jew inkella agħfas il-buttuna *print* biex tipprintjaha mingħajr ma tissejvjaha fuq il-kompjuter.




Il-karti tal-eżamijiet se jkunu fuq il-websajt mill-1 ta' Diċembru. Jekk issib xi diffikultajiet, kellem lill-għalliem/a tiegħek tal-ICT.

Is-Sur A. Galea
Webmaster tal-Iskola

# IL-FIRST AID BOX




Huwa importanti li tinżamm First Aid Box f'kull dar, post tax-xogħol u postijiet pubbliċi oħra. Il-First Aid Boxes ikun fihom l-għodda li wieħed jista' jiġi bżonn fil-każ ta' emerġenzi żgħar li jistgħu jinqalgħu. Il-lista t'hawn taħt turi x'għandu jkun fiha First Aid Box biex tkun mgħammra għall-massimu ta' ħamsin persuna. L-għoti tal-ewwel għajnuna huwa ta' importanza kbira, speċjalment f'każijiet fejn jista' jagħmel differenza bejn ħajja jew mewt u anke bejn diżabilità permanenti u mhux permanenti. Ikun tajjeb ħafna li minn tal-inqas, persuna waħda f'kull familja jkollha ċertifikat tal-ewwel għajnuna. Jekk ma jkollokx ċertifikat, xorta waħda tista' tgħin f'emerġenzi u ftakar li dejjem aħjar tgħin kif taf, milli ma tgħin xejn. F'każ ta' emerġenzi serji, bħal persuni li qed jitilfu ħafna demm, persuna qed tifga, problemi tal-qalb u xi ħadd li jintilef minn sensih fost l-oħrajn għandek dejjem tibda billi tikkuntattja lil 112.

| Kwantità | Deskrizzjoni | Kwantità | Deskrizzjoni |
|---|---|---|---|
| 4 | Faxex jiġġebbdu (10ċm wisa') | 2 | Disposable Ice Packs |
| 2 | Faxex jiġġebbdu (15-il ċm wisa') | 4 pari | Disposable Surgical Rubber Gloves |
| 2 | Garża (5ċm) | 1 | Imqass |
| 2 | Garża (10ċm) | 1 | Pinzetta |
| 3 | Triangular Bandages | 12 | Labar tas-sarwan |
| 12 | Sterile Dressing Gauze (10ċm x 10ċm) | 2 | Boroż tal-plastik |
| 10 | Sterile Eye Pads | 12 | Gauze Swabs |
| 2 | Rolls Sticking Plaster (2ċm) | 1 | Protective Shield |
| 1 pkt | Non Medicated Plasters (qisien varji) | 1 | Emergency Blanket |
| 1 | Sterile Eye Wash Solution | 1 | Manwal tal-First Aid |
| 1 | Kontenitur tal-istainless steel | | |




Is-Sur A. Muscat
Is-Sa K. Callus
Għalliema tas-Saħħa u s-Sigurtà

# KELMTEJN MID-DIRETTUR SPIRITWALI

Iż-żmien itir u ma jistenna ’l ħadd. U veru! Għax diġà għaddew xahrejn mill-bidu tas-sena skolastika. Jekk ma noqgħodx attent, faċli li naqbad lili nnifsi naħli l-ħin. Il-ħin hu prezzjuż, allura importanti li nużah tajjeb. Aħna lkoll għandna 1,440 minuta kull ġurnata. Kif qed nużahom? Qed nsib 30 minuta fil-ġurnata għal dak li lili jħobbni bi mħabba kbira u qatt ma jmur lura minnha?

Din is-sena ddeċidejna li nkomplu nsaħħu l-quddiesa tal-Ħamis filgħodu, fejn numru kbir ta’ studenti qed jibdew il-ġurnata bil-quddiesa. Rajna li jkun hemm studenti jew għalliema li nhar ta’ Ħamis filgħodu jkunu għadhom ma waslux l-iskola minħabba t-trasport, għalhekk ħadna ħsieb li nibdew nagħmlu quddiesa kull nhar ta’ Tnejn, fil-*break* il-kbir.








Jumejn fil-ġimgħa qed ikollna saċerdot fl-iskola għas-servizz ta’ kulħadd. Hi ħaġa sabiħa li waqt li aħna qed nikbru fit-tagħlim u fl-edukazzjoni, qed ikollna l-opportunità li anke nikbru fil-fidi tagħna, f’dak li aħna nemmnu. Għalhekk inħeġġeġ iktar lill-istudenti u l-istaff kollu biex jieħdu l-opportunità li għandna fl-iskola biex nitkellmu, niċċaraw xi affarijiet li jistgħu jolqtuna spiritwalment u nirċievu s-Sagrament tal-Qrar.

Nixtieq nirringrazzja lil Fr Ronnie Zammit u lil Fr David Torpiano li s-sena l-oħra kienu qed jagħtu s-servizz tagħhom f’din l-iskola. Issa huma ġew mitluba biex jagħtu s-servizz tagħhom xi mkien ieħor. Fr Ronnie qed jagħti s-servizz tiegħu bħala Kappillan tal-Kalkara u Fr David ġie mitlub li jkompli bl-istudju tiegħu fil-qasam tal-Kateketika ġewwa Ruma. Ejjew nagħtu merħba lil Fr Roderick Camilleri, Viċi Kappillan ta’ Birżebbuġa, li ngħaqad miegħi biex inkomplu naħdmu għall-ġid tal-istudenti u l-istaff fil-qasam tad-direzzjoni spiritwali.

Sliem.

Fr Glen Buhagiar

PANTOMIMA 2013





**Bord Editorjali:**

| | |
|---|---|
| Assistenta Kap: | *C. Pisani Grixti* |
| Disinn: | *A. Galea* |
| Fotografi: | *D. Bezzina, V. Zammit* |
| Issettjar: | A. Galea, *A. M. Zammit, R. Dalli* |
| Qari tal-Provi: | *L. Deguara, W. Incorvaja* |
| | *S. J. Polidano u C. Tanti* |
| Tradutturi: | *D. Bezzina u P. Sacco* |
| Stampar: | *C. Cassar* |